## 12 ta' Jannar, 1956

## Imħallef:

## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt. LL.D.

Emmanuele Sciberras *versus* Giorgio Buhagiar et*

### Fidejussjoni — Mara — Obligazzjoni — Self — Nullità — Bwona Fede — Titolu — Kanonizzazzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 2037 u 1036 tal-Kodiċi Ċivili

*Huwa veru li skond il-liġi l-fidejussjoni magħmula minn mara għall-obligazzjoni ta' żewġha, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ma tiswiex; u huwa veru wkoll li skond il-ġurisprudenza, jekk iż-żewġ konjuġi jikkuntrattaw flimkien xi dejn li l-vantaġġ tiegħu jmur kollu esklużivament favur ir-raġel, u l-mara ma jkollha ebda nteress f'dak id-dejn, l-obligazzjoni tal-mara tkun timmaskera fidejussjoni favur żewġha u tkun nulla jekk ma tkunx ġiet awtorizzata mill-Qorti. Imma l-ġurisprudenza stabbiliet ukoll illi, jekk f'dik l-obligazzjoni anki l-mara jkollha nteress, allura l-obligazzjoni ma tkunx tekwivali għal garanzija, imma tkun vera u proprja obligazzjoni prinċipali valida skond il-liġi. Għalduqstant, jekk self ikun sar lir-raġel u l-mara flimkien biex iservi għall kura tal-mara, ma għandhiex tiġi ravviżata fl-obligazzjoni tal-mara għal dak is-self il-garanzija projbita mill-liġi.*

*Xejn ma jservi li fil-fatt il-flus ikunu servew għal ħaġ'oħra, jekk il-kreditur ma kienx jaf li kienu sejrin iservu għal skop ieħor; għax il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti bil-bwona fede, jiġifieri skond l-intenzjoni li kellhom il-partijiet u l-iskop li huma kellhom meta stipulaw il-kuntratt, u d-debituri, speċjalment il-mara, ma jistgħux javvantaġġjaw ruħhom mil-mala fede tagħha u mill-iżball li fih bil-mala fede tagħha stess hija tkun induċiet lill-kreditur.*

*Il-kreditur li jkollu titolu mhux obligat jitlob l-awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi t-titolu minflok il-kundanna tad-debitur għall-ħlas tal-kreditu riżultanti minn dak it-titolu, meta jkollu motiv jaħseb illi d-drittijiet nazzenti mit-titolu tiegħu sejrin jiġu kontesta-*

---

* Deżerta fl-Appell fl-10 ta' Ottubru, 1956.

*li mid-debitur. Jekk l-atteġġjament tad-debitur ikun juri li hu bilħsieba jġib il-quddiem il-kontestazzjoni tat-titolu, jagħmel sewwa, qabel ma jipproċedi eżekuttivament, jintavola l-proċediment għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu; u għalhekk, f'dan il-każ, l-ispejjeż tal-kanonizzazzjoni ma għandhomx jiġu akkollati fuqu.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi b'kuntratt riċevut minn Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini fl-14 ta' Ottubru 1951 (dok. A) il-konvenuti kkostitwew ruħhom ċerti u likwidi debituri, flimkien u "in solidum" bejniethom, versu u a favur tal-attur fis-somma ta' £350 li huma rċevew qabel l-att "brevi manu"; liema somma l-konvenuti kellhom iħallsuha fi żmien tliet snin mid-data tal-att, bl-imgħax tat-2½% fis-sena, pagabbli kull sena b'lura; u billi l konvenuti ġa ħallsu akkont tal-imsemmi kapital is-somma ta' £110 u l-imgħax sal-lum; u billi l-konvenuti l-lum ma jistgħux jirreklamaw aktar favur tagħhom il-benefiċċju tat-terminu, għaliex irrendew ruħhom insolventi, u l-istat tagħhom tbiddel talment li hemm perikolu li l-attur ma jitħallasx, u mħabba l-fatt proprju tagħhom huma naqqsu l-kawteli li skond il-kuntratt kienu taw lill-attur; talab li l-konvenuti "in solidum" (1) ikunu dikjarati dekaduti mill-benefiċċju tat-terminu stipulat favur tagħhom fl-imsemmi kuntratt; u (2) li jkunu kundannati jħallsu "in solidum" lill-attur is-somma ta' £240, bilanċ ta' somma akbar dovuta bis-saħħa tal-istess kuntratt. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1953, kontra l-konvenuti "in solidum";

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li fil-21 ta' Novembru 1950 l-attur silef lill-konvenut is-somma ta' £350 biex, kif xehed l-istess konvenut, ikun jista' jagħmel fronti għall-ispejjeż tal-kura tal-konvenuta martu, peress li dina kienet qaltlu li qegħedha tħoss xi ħaġa f'rasha, u li kienet tmur għand it-tobba u tagħmel xi injezzjonijiet; liema ċirkustanza tinsab konfermata mill-attur, meta xehed li l-konvenut qallu li

kien ġieb speċjalista ġermaniż, u saħansitra mill-istess konvenuta, li kienet qabbdet lill-żewġha jissellef dawk il-flus għall-kura tagħha. Irriżulta wkoll illi, peress li l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas, l-attur beda jiddubita għandux x'jagħmel tajjeb, u ried li jdaħħal anki lill-konvenuta f'dan id-dejn, peress li kienet wirtet xi ħaġa. Sar allura l-kuntratt tal-14 ta' Ottubru 1951, li fuqu l-attur qiegħed jitlob il-ħlas minn għand il-konvenuti; u anki f'dik l-okkażjoni l-konvenuta kienet stqarret li l-flus servew għall-kura tagħha;

Illi in segwitu, milli jidher, il-konvenuta qalet lill-żewġha li l-flus servew, mhux għall-kura tagħha, imma biex titħallas ċerta Vincenza Dimech, u żewġha, qalet hija, sawwatha; iżda l-lum iż-żewġ konvenuti qegħdin jopponu n-nullità tal-obligazzjoni assunta mill-konvenuta, għarraġuni li din mhix ħaġ'oħra ħlief garanzija solidali favur żewġha mingħajr ma kienet awtorizzata skond il-liġi;

Illi huwa veru li, skond l-art. 2037 (Kod. Ċiv.), il-fidejussjoni magħmula mill-mara għall-obligazzjoni ta' żewġha mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ma tiswiex; veru wkoll illi, skond il-ġurisprudenza, jekk iż-żewġ konjuġi jikkuntrattaw flimkien xi dejn li l-vantaġġ tiegħu jmur kollu esklużivament favur ir-raġel, u l-mara ma jkollha f'dak id-dejn ebda interess, l-obligazzjoni tal-mara tkun timmaskera fidejussjoni favur żewġha, u tkun nulla jekk ma tkunx ġiet awtorizzata mill-Qorti; però l-ġurisprudenza stabbiliet illi, jekk f'dik l-obligazzjoni anki l-mara jkollha nteress, allura l-obligazzjoni ma tkunx tekwivali għal garanzija, imma tkun vera u proprja obligazzjoni prinċipali valida skond il-liġi (ara f'dan is-sens Kollez. XIX-II-57; XXVIII-I-613; XXXII-II-426; u App. Ċiv. 28.1.1929 in re "Felice Attard vs. Paolo Azzopardi et.", inedita). Difatti, kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Kan. E. Galea Naudi vs. Isabella Amato Gauci", deċiża fid-9 ta' Lulju 1934, "scopo evidente del legislatore è quello di proteggere la moglie da possibili raggiri e pressioni maritali a proprio detrimento, e non già di esonerarla dall'adempimento degli obblighi assunti in proprio vantaggio a danno dei creditori" (Kollez. XXVIII-II-650);

Issa, mill-provi rriżulta illi s-self kien sar, almenu fl-

intenzjoni tal-kontraenti, għall-kura tal-konvenuta, u konsegwentement hija kellha, bla dubju, interess f'dak is-self, biex ma jingħadx li kienet hija l-interessata prinċipali;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma tistax tara, fl-obligazzjoni tal-konvenuta, il-garanzija projbita mil-liġi;

Illi xejn ma jiswa li fil-fatt il-flus mislufa servew għal ħaġa oħra, u mhux għall-kura tal-konvenuta; għaliex l-attur kreditur b'dan ma kienx jaf, almenu fiż-żmien li sar il-kuntratt impunjat. Issa, hu prinċipju sanċit mil-liġi, illi l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti bil-buona fede (art. 1036 Kod. Ċiv.), jiġifieri skond l-intenzjoni li kellhom il-partijiet u l-iskop li huma kellhom meta stipulaw il-kuntratt (Demolombe, Diritto Civile, Vol. XXIV, para. 393; u Baudry, Obbligaz. I, para. 343); u kif josserva Borsari, "all'inviolabilità del contratto si associa il principio generale della esecuzione onesta, e, si direbbe, da galantuomo; precetto morale che ha pure le sue applicazioni giuridiche nello sviluppo di quelle multiformi eccezioni che diciamo ancora del dolo" (Cod. Civ. It. Commentato, art. 1124, para. 3007, paġ. 241, col. 2a). Minn dana tinżel il-konsegwenza illi speċjalment il-konvenuta ma tistax il-lum tivvantaġġja ruħha mill-mala fede tagħha u mill-iżball li fih, bil-fatt tagħha stess, induċiet lill-attur (v. Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1124, para. 37 e 38). Igħid f'dan ir-rigward Giuseppe Piola, fil-monografija tiegħu "Malafede": — "L'azione commessa in mala fede è un'azione illecita; e siccome ogni fatto illecito che arreca danno ad altri obbliga colui per colpa del quale è avvenuto al risarcimento, così, se l'azione compiuta in mala fede ha prodotto danno, esiste l'obbligazione al risarcimento. Se esiste l'obbligazione al risarcimento, a tanto maggior ragione non può pretendersi di conseguire dei vantaggi" (Digesto Italiano, voce citata, para. 4);

Illi, għall-konsiderazzjonijiet premessi, l-eċċepita nullità ta' l-obligazzjoni tal-konvenuta m'hijiex sostenibbli;

Illi, kwantu għat-tieni eċċezzjoni, il-partijiet, skond verbal tal-21 ta' Ottubru, 1955 (fol. 33), qablu li l-kuntratt skada, u għalhekk l-ewwel domanda tinsab eżawrita;

Illi, dwar il-kap ta' l-ispejjeż, id-difensur tal-konvenuti,

fit-trattazzjoni orali, issottometta illi l-attur, fit-tieni domanda, kien imissu talab biss l-awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi l-kuntratt, u mhux il-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tal-bilanċ tas-somma mislufa, u għalhekk talab li l-eċċess fl-ispejjeż jiġi akkollat lill-attur. Fuq dan *il-pont*, *ta'* min josserva illi l-kreditur mhux obligat jadopera l-proċedura eżekuttiva meta jkollu motiv jaħseb illi d-drittijiet naxxenti mit-titolu tiegħu sejrin jiġu kontestati *mid-debitur* (v. Kollez. XV, 425; XVI-II-231; u App. Inf. 13.3.1954 in re "Fenech vs. Dr. A. Caruana"). Issa, mill-atteġġjament tal-konvenuti deher biżżejjed li huma kienu bi ħsiebhom iġibu 'l quddiem il-kontestazzjoni tat-titolu, u għalhekk għamel sewwa li, qabel ma jipproċedi eżekuttivament, jintavola l-proċeduri attwali;

Illi s-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni ma ġietx kontestata;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel domanda, għax il-meritu tagħha jinsab eżawrit;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni *tan-nullità* ta' l-obligazzjoni tal-konvenuta;

U tilqa' t-tieni domanda ta' l-attur;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuti "in solidum".